MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2010

Rikors Numru. 10/2008

**Neriku Confectionery Limited (C-7244)**

**vs**

**Direttur tal-Artijiet**

Il-Bord:

Ra r-rikors promutur li jghid hekk

Illi hija ghadha kemm giet notifikata b'att gudizzjarju bid-data 8 ta' Lulju 2008 (kopja Dok A) fejn l-intimat offra s-somma ta' ghaxart elef, disa' mija u tmienja u erbghin Ewro u hames centezmi (E10,948.05) ghax-xiri assolut bhala liberu u frank tal-fond numru tmienja u tletin (38) Triq l-Agotti, Floriana;

Illi l-esponenti mhix qeghda taccetta din l-offerta u qeghda titlob u tindika minflok is-somma ta' dsatax-il elf Ewro (E19,000) skond stima maghmula mill-Perit Godwin

Zammit datata 15 ta' Lulju 2008, kopja annessa bhala Dok B;

Ghaldaqstant l-esponenti titlob lil dan Bord jiddetermina l-kumpens xieraq dovut lilha ghax-xiri assolut tal-fond numru 38 Triq l-Argotti, Floriana u jaghti dawk id-direttivi kollha necessarji a tenur tal-Artikolu 22 tal-Kap 88.

Ra r-risposta tal-intimat Direttur tal-Artijiet li tghid:

Illi l-esponent gie notifikat bir-rikors datat 18 ta' Lulju 2008 fl-ismijiet fuq imsemmija fejn ir-rikorrenti oggezzjonat ghall-valur lilha offrut mill-awtorita kompetenti huwa ta' ghaxart elef, disa' mija u tmienja u erbghin Ewro u hames centezmi (E10,948.05) ghax-xiri assolut bhala liberu u frank tal-fond numru 38 fi Triq l-Argotti, l-Furjana u qeghda tippretendi illi l-kumpens ghandu jkun ta' dsatax-il elf ewro (E19,000);

Ill l-esponent qieghed jibqa' jsostni l-kumpens gust ghall-fond fuq imsemmi huwa dak fuq citat, u cioe' l-ammont ta' ta' ghaxart elef, disa' mija u tmienja u erbghin Ewro u hames centezmi (E10,948.05) u dan skond l-istima tal-Perit Carmen V. Sutton A&CE;

Ghaldaqstant l-esponenti qieghed jitlob bir-rispett li dan l-Onorabbli Bord sabiex jiffissa l-ammont ta' ghaxart elef, disa' mija u tmienja u erbghin Ewro u hames centezmi (E10,948.05) bhala l-kumpens gust ghall-espropriazzjoni tal- fond fuq imsemmi.

Semgha x-xhieda bil-gurament;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkunsidra:

Illi dan ir-rikors kien promoss mir-rikorrenti wara li l-esproprijati deherilhom illi l-valur offert mill-intimat ghall-espropju tal-fond kien baxx wisq biex inkun minnhom accettat. Huma mxew fuq il-parir tal-perit arkitett taghhom

li xehed f'dawn il-proceduri u li wasal ghall-konkluzzjoni illi l-valur tal-fond huwa ta' €19,000;

Illi l-periti membri li jikkomponu dan il-Bord, wara li hadu konjizzjoni tal-fatti, xhieda u dokumenti kollha mressqa, kkonkludew, skond ir-rapport taghhom akkluz u formanti parti minn din is-sentenza, illi l-valur gust ta' dan il-fond ghandu jkun iffissat fis-somma ta' tnax-il elf u tmien mitt Euro (€12,800.00);

Il-Bord ghalhekk, a bazi tad-decizjoni unanima tal-periti membri, qed jilqa' talba tar-rikorrenti u qed jiffissa l-kumpens xieraq dovut lilhom ghat-trasferiment b'xiri assolut bhala liberu u frank tal-fond numru 38, Triq l-Argotti, Floriana, fl-ammont ta' tnax-il elf u tmien mitt Euro (€12,800.00) oltre l-imghax legali ai termini tal-artikolu 12(3) tal-Kap 88.

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------